MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2024

Appell Inferjuri Numru 23/2024 LM

**Yaniv Cohen (Detentur tal-Passaport Iżraeljan Numru 36943092)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**FORIS DAX MT Limited (C 88392)**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Yaniv Cohen (Detentur tal-Passaport Iżraeljan Numru 36943092)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mid-deċiżjoni tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'] mogħtija fit-22 ta' Marzu, 2024, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha ddeċieda l-ilment tiegħu fil-konfront tas-soċjetà intimata

**FORIS DAX MT Limited (C 88392)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellata'], billi ddikjara kif ġej:

***"Decision***

***The Arbiter sympathises with the Complainant for the ordeal he suffered as a victim of a scam but, in the particular circumstances of this case, he cannot accept the Complainant's request for compensation for the reasons amply mentioned. The Arbiter is accordingly rejecting the Complaint.***

*However, since trading and investing in crypto assets is a new area in the financial services sector, the Arbiter would like to make a few observations.*

*Apart from the high risks and speculative nature commonly associated in trading with crypto, a consumer venturing in this area needs to be conscious and aware of the additional risks being taken, also, due to other factors including the risks associated with the infancy of the regulatory regime applicable, if at all, to this sector in general, which may not provide the same safeguards and protection normally expected and associated with other well-regulated sectors of the financial services sector.*

*Moreover, given the increasing and alarming volume of scams and fraud existing in the crypto field, retail consumers need to, more than ever, be vigilant and take appropriate and increased measures to safeguard themselves as much as possible to minimise and avoid the risk of falling victim for scams and fraud.* ***Retail unsophisticated investors would do well if, before parting with their money, they bear in mind the maxim that if an offer is too good to be true then in all probability it is not true.***

*The Arbiter cannot help but notice the lack of or inadequate knowledge that retail consumers may have with respect to the various risks applicable to this area and on how to better protect themselves, despite the rush by many to join and participate into this sector.*

*The Arbiter considers that much more needs to be done on this front, apart from in other areas, to better protect consumers. Service providers operating in this field need to also do their part and actively work to improve their onboarding process by evaluating the much-needed knowledge of benefits and risks for consumers who opt to venture into this field. (fn. 41: It would not be amiss if at onboarding stage retail customers are informed of typical fraud cases involving crypto asset transfers and warned against get rich quick schemes).*

***Each party is to bear its own legal costs of these proceedings."***

## Fatti

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw kont li l-appellant fetaħ mas-soċjetà appellata fis-17 ta' Novembru, 2022. Bejn is-17 ta' Novembru, 2022, u l-20 ta' Diċembru, 2022, huwa kien għamel ħamsa u għoxrin tranżazzjoni fil-munita *fiat* mill-kont bankarju tiegħu ġewwa l-Iżrael għall-munita lokali. Il-munita *fiat* kienet ġiet ikkonvertita għal *USDT stable coins,* u dawn ġew trasferiti għal tliet kartieri esterni, sabiex b'hekk l-appellant b'kollox ittrasferixxa USDT 200,795.02 ekwivalenti llum għal USD 200,000.

## Mertu

3. L-appellant ippreżenta l-ilment tiegħu quddiem l-Arbitru fit-22 ta' Awwissu, 2023, fejn filwaqt li sostna li (a) is-soċjetà appellata kellha tkun taf li huwa ma kellux l-esperjenza relattiva, u l-frekwenza u l-ammonti rispettivi tat-tranżazzjonijiet kellhom ikunu indikattivi tal-possibbiltà ta' frodi; (b) huwa kien ilu f'kuntatt regolari mat-tim tal-*customer service* tas-soċjetà appellata sa minn meta għamel it-tranżazzjonijiet in kwistjoni, u dan it-tim qatt ma ħareġ xi twissija; (ċ) is-soċjetà appellata naqset milli tikkopera miegħu u mal-Awtoritajiet Iżraeljani li kienu qegħdin jinvestigaw il-frodi, u naqset milli tgħaddi d-debita informazzjoni li setgħet wasslet sabiex jiġu identifikati l-frodisti, u jiġu rkuprati l-flus misruqa; u (d) is-soċjetà appellata naqset milli tħares l-obbligi tagħha taħt il-liġi, u b'hekk dan wassal sabiex ma jinkixifx il-frodi fiż-żmien opportun u b'hekk jiġi minimizzat it-telf. L-appellant issottometta li huwa kien qiegħed jippretendi kumpens ta' madwar USD 100,000.

4. Is-soċjetà appellata wieġbet fil-15 ta' Settembru, 2023, fejn sostniet li seta' kien il-każ li tassew l-appellant spiċċa vittma ta' *scam,* iżda hija ma setgħetx tinżamm responsabbli għall-għemil ta' terzi, jew tal-istruzzjonijiet li kien għamel l-appellant innifsu.

## L-Appell

5. L-appellant ħass ruħu aggravat bid-deċiżjoni appellata tal-Arbitru, u fil-11 ta' April, 2024, intavola appell quddiem din il-Qorti, fejn qiegħed jitlobha sabiex:

> *"...jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjari tat-22 ta' Marzu, 2024, u dan billi tilqa' it-talbiet tal-appellant u tiċħad id-difiża ta' FORIS, u dan ai termini tal-provvedimenti u modalitajiet kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi tal-każ.*
>
> *L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-kumpannija appellata FORIS."*

Jispjega li l-aggravju tiegħu huwa li l-Arbitru għamel interpretazzjoni żbaljata tal-fatti relattivi u tal-liġijiet applikabbli għall-każ odjern.

6. Is-soċjetà appellata wieġbet fit-8 ta' Mejju, 2024, fejn sostniet li d-deċiżjoni appellata hija waħda ġusta, ekwa u legali, u għandha tiġi kkonfermata, u dan filwaqt li l-appell interpost għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra l-appellant.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

7. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra qabel xejn kwistjoni preliminari li qiegħda tiġi ssollevata mis-soċjetà appellata, li hija dik tan-nullità tal-appell

odjern, stante li l-appellant m'ottemporax ruħu mad-dispożizzjonijiet tal-para. (a) tas-subartikolu 180(1) tal-Kap. 12, fid-dawl tal-fatt li huwa mhux residenti hawn Malta.

8. Il-Qorti tgħid li s-soċjetà appellata għandha raġun. Id-dispożizzjonijiet tal-para. (a) tas-subartikolu 180(1) tal-Kap. 12 huma ċari u inekwivoċi fl-intendiment tagħhom:

> *"180.(1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 181, il-preżentata tal-iskritturi tista' ssir –*
>
> *(a) mill-parti stess li tidher fl-isem tagħha nfisha, ... jew bħala prokuratur ta' persuni li jinsabu barra mill-Gżira ta' Malta jew ta' Għawdex, li fiha l-iskrittura tiġi ppreżentata;"*
>
> ...

9. L-imsemmija dispożizzjonijiet ma jħallu l-ebda dubju li l-liġi ma tippermettiex persuni li huma residenti barra minn dawn il-gżejjer, li jippreżentaw skritturi fir-Reġistru tal-Qorti, sakemm huma mhumiex debitament rappreżentati fl-istess gżejjer. Fil-każ odjern l-indirizz li ndika l-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu huwa ġewwa l-Iżrael, u ġaladarba ma jirriżultax mill-atti li huwa debitament rappreżentat hawn Malta skont il-liġi, dan ma setax għamlu, u l-appell tiegħu huwa wieħed irregolari.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddikjara l-appell odjern irritu u null u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu.**

**Bl-ispejjeż kontra l-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**